ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħat Nru. 43 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 10 ta' Jannar 2012, fis-2.00pm.

| **<u>Preżenti</u>** | **<u>Il-Membri</u>** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |

| Uffiċċjali | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji
   a) Petty Cash Diċembru 2012;
   b) Skeda ta' Ħlas Diċembru 2012;
   c) Abbozz ta' l-Estimi Għas-Sena 2012;
5. Laqgħa Annwali tal-Lokalita';
6. Performance Bonus;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 42 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

Dwar item 3.2 PA1066/04 tal-Gnien Palazzo Giannini, saret laqgħa nhar is-26, ta' Diċembru, 2011, fl-4.30 p.m. mal-Avukat tal-Kunsill Dr. Luciano Busuttil u preżenti kien hemm is-Sindku u s-Segretarju. Fuq parir tal-Avukat l-aħjar pass hu li l-Kunsill jistenna sakemm issir applikazzjoni għal *full Development Permit*. L-Avukat qal li jekk il-Kunsill jagħmel l-oġġezjoni w jsir appell ikun qed jagħti ċ-ċans li jiġi emendat il-permess u l-Kunsill jitlef il-flus li jkun ħallas biex isir l-appell.

3. **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta & emails)**:-

1. Mid-Dipartiment irċevejna Memo 120/2011 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta' tal-Libreriji Lokali. Il-Kunsill qabel li japplika ghal din l-ghajnuna.
Memo 121/2011 – Informazjoni dwar Għeluq tas-Sena Finanzarja.
Memo 122/2011 – Skema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar. Ghal din li Skema il-Kunsill diga applika.
Memo 123/2011 – Projbizzjoni ta' Tipjip fi *Playgrounds* jew Ġonna Pubbliċi. Il-Kunsill qabel li jsiru tabelli li ma jistax isir tipjip, il-Bandli, Santu Rokku u Ġnien 2000.

   Irċevejna wkoll Memo 1/2012 – Seminar dwar Nuqqasijiet li jirriżultaw mill-Verifika tal-Finanzi tal-Gvern Lokali.
Memo 2/2012 – Informazzjoni dwar Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali ( Marzu 2012).
Memo 4/2012 – Linji Gwida għal Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsilli Lokali.

   Infurmaw wkoll li dwar Memo 27/2010 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'lokalitajiet żgħar ser tiġi estiża sal-aħħar ta' April, 2012.
Bagħatu jinfurmaw li l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2012 ser tkun ta' € 309,719, flimkien mat-tabella tal-Allokazzjoni.
Ser issir *information meeting* fuq l-IF u ERF fl-10 ta' Jannar, 2012.
Ser issir ukoll *information session* dwar il-fond ENPI CBC MED, fis-27 ta' Jannar, 2012.

2. Mill-AKL irċevejna ċirkulari 79/2011 – Assikurazzjoni tal-Flus 2012. Il-Kunsill qabel li issir din l-Assikurazzjoni.
Bagħatu wkoll ċirkulari 80/2011 – *Group Health Insurance Policy 2012.* Il-Kunsill qabel li titħallas din il-*policy*.

3. Mill-MEPA rċevejna dwar Applikazzjoni ġdida PA 1822/11 dwar kostruzzjoni ta' *agricultural store* u ġibjun f'Wied il-Qoton limiti ta' Ħal Għaxaq.
Infurmaw ukoll dwar il-*UIF Statement of Funds* bħala bilanċ disponibbli hemm € 21,698.13.

Bagħatu jinfurmaw li fir-rigward ta' bozoz li jaqgħu taħt l-ODZ dik ta' Trejqet Santu Kristu mhux problema għax fil-qrib hemm diga' stallazzjoni f'tal-Barrani, filwaqt li dik f'tal-Ġiebja dik hija żona skedata għax hemm konċentrazzjoni ta' fdalijiet arkejoloġiċi li jridu jkunu mħarsa minn kull ħsara għaldaqstant hemm bżonn il-permess mil-MEPA.

4. Mingħand l-Onor. Dr. C. Said, dwar l-Ewropa fuq ir-Roti, dawn ser ikunu *tours* bejn Malta u Għawdex, fejn il-pubbliku jkun jista' jara x'sar bħala xogħol bil-fondi tal-EU.

5. Mingħand is-Sur Grima fi ħdan it-*Transport Malta*, fejn għarrafna li Triq G. Scicluna ser tkun imdaħħlha fil-programm ta' toroq għas-sena 2012.

6. Mingħand Silvio Schembri tal-GAL Xlokk, fejn informa li l-proġett tagħna taħt il-Miżura 313 intagħżel.
Infurmaw ukoll dwar din il-miżura li qabel ma jkun hemm xi avviżi il-Gal Xlokk iridu jkunu jiġu avżati b'dan għax jaf ikun hemm xi riperkussjonijiet.
Irċevejna informazjoni li l-applikazzjoni tal-Kunsill għal fondi taht il-Miżura 313 giet milqugħa w l-Kunsill ser ikun intitolat għall-ammont ta' € 91,867.68 li talab fl-applikazzjoni
Infurmaw ukoll li jeħtieġ xi dokumenti u proċeduri fir-rigward tal-Miżura 313.

7. Mingħand NAO, bagħatu stedina għal seminar fuq Audit of EU funded projects at the Local Government level li ser isir fis-26 ta' Jannar u ser tattendi is-Segretarju.

8. Mingħand is-Sur Fenech ta' *Noise Abatement Society of Malta*, fejn aħna tlabna laqgħa magħhom u issuġġerew biex issir fil-11 ta' Jannar, 2012 iżda ġiet posposta.

9. Mingħand is-Sinj. Buttiġieġ minn *Home-Start Malta*, fejn gejna infurmati li jeħtieġu voluntieri sabiex jagħtu sapport lill-familji bi tfal ta' taħt il-ħames snin.

10. Mingħand is-Sinj, Cini, mill-Aġenzija Appoġġ, fejn infurmat bis-servizzi fiċ-Ċentru ta' Ħal Far, fejn qed titlob sabiex tiltaqa' mal-Kunsill sabiex isiru x'attivitajiet fil-lokal. Il-Kunsill qabel li jsir appuntament mas-Sinj. Cini.

11. Mingħand MRRA dwar il-fond *Life + Project*, fejn il-ministeru xtara 24 karrozza li taħdem bl-elettriku li dawn ser jiġu mqassma lill-voluntiera mill-pubbliku.

12. Mingħand *Standard Publications Ltd.*, fejn infurmaw li minn Frar, 2012, il-gazzetta Independent mhux ser tibqa' tingħata b'xejn. Huma qed joffru li jrid isir ħlas ta' € 195, sabiex din tibqa' tingħata b'mod regolari. Il-Kunsill qabel li din tinxtara meta jkun hemm xi riklam tal-Kunsill.

13. Mingħand il-KMS, fejn stiednu lis-Sindku għal *Sport Malta Awards*, fil-21 ta' Jannar, 2012.

14. Mingħand Ms Chetcuti, fejn infurmat li l-ETC trid tibda tirriklama fil-fuljett u fuq il-website, għal dan il-għan għandha bżonn xi dettalji.

**Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

a) Intbagħatet e-mail oħra lill-Onor. Dr. Gonzi, dwar it-trasport pubbliku, fejn qed nerggħu nuru x-xewqa tagħna li l-karozza tal-linja Nru. 82 tibda tgħaddi mill-Bypass.

b) Intbagħatet e-mail lis-Sur Vassallo tat-Transport Malta, fejn infurmajnih li fejn saru t-toroq minn naħa tagħhom għad ma sarux linji taż-żebgħa għal *parking bays*.

ċ) Intbagħatet e-mail lis-Sur Brincat mill-*Għaxaq FC Youth Nursery*, fejn infurmajnih li għandha ssir laqgha magħhom.

d) Intbagħatet ittra lill-MEPA minn naħa tal-Kunsilli B'buġia, Żejtun, M'Xlokk u aħna, fejn innominajna lill-Ing.A. Ciantar, sabiex ikun preżenti f'isimna fil-*Monitoring Committee* għall-permess tal-estensjoni tal-*powerstation* ta' Delimara (IPPC).

e) Intbaghatet ittra lil-Manager tal-BOV, Zejtun fejn tlabna biex it-talba għal ATM terġa' tiġi kkunsidrata.

**4. Materji Finanzjarji**

*a.* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Diċembru 2012, li kienu jammontaw għal €10.44. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€10.44 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Picco.

*b.* *Skeda ta' Ħlas – Dicembru 2012*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru 2012 u li jammontaw għal € 26,810.53. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

*c.* *Is*-Segretarju poġġa fuq il-mejda Estimi Finanzjarji għas-Sena 2012, ibbażat fuq l-allokazzjoni ta' € 309,719.00, flimkien ma' d-dħul u l-ħruġ li kien hemm fis-sena preċedenti. Il-*Budget* ġie moqri u diskuss u wara proposta mis-Sindku sekondat mill-Viċi Sindku, l-Kunsill qabel li dan il-*Budget* jiġi ppreżentat għad-diskussjoni tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita'.

*d.* *Is*-Segretarju qalet li l-kumpanija *Econing* li ħadet ħsieb tevalwa it-*tenders* tal-*PV System* issuġġeriet li l-Kunsill jagħmel is-sistema *Sunrise Solatech Modules* li l-Alberta qed joffru 10 snin garanzija fuqhom u li għalkemm il-prezz se jiżdied għal € 4,985.73, din l-offert tibqa' xorta l-aktar vantaġġuża. Il-Kunsill qabel li din l-offerta tiġi aċċettata.

5. **Laqgħa Annwali tal-Lokalita'**

Is-Segretarju qalet li filwaqt li sar qbil li l-Laqgħa Annwali, issir nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar 2012, il-ħin ma kienx miftiehem għaldaqstant sar qbil li din issir fis-6.00pm, u tkun segwita b'Laqgħa tal-Kunsill.

**Sadanittant is-Sindku ta' ndikazzjoni tad-diskors tiegħu li hu se jagħmel fil-Laqgħa Annwali fejn elenka l-ħidma li saret mill-Kunsill tul l-aħħar sena.**

6. **Performance Bonus**

Is-Segretarju qrat il-*Performance Bonus* li tħejja għal l-iskrivana għat-tnax il-xahar li għaddew u qalet li hi tirrakomanda li tingħata 6%. Wara li ġie spjegat il-kontenut tar-rapport, is-Sur Vassallo, sekondat mis-Sur Abdilla, ippropona li l-iskrivana tingħata il-*bonus* ta' 6 % u l-Kunsill qabel.

F'dan li stadju s-Segretarju ħarġet mil-kamra waqt li kien qed jiġi evalwat l-*Performance Bonus* tagħha. Is-Sindku spjega l-kontenut u s-Segretarju rritornat fil-kamra fejn ġiet mgħarrfa li ser tingħata 10%, is-Segretarju flimkien mal-iskrivana rringrazzjaw il-Kunsill.

7. **Suġġerimenti mill-Kunsilliera**.

1. Is-Sinjura Agius staqsiet jekk il-Kunsill hux se jibqa' jieħu ħsieb il-bozoz tat-toroq ta' Ħal Għaxaq. Is-Sindku spjega li l-Kunsill se jibqa' jieħu ħsieb il-bozoz ġodda w il-manutenzjoni tal-qodma tibda issir mir-reġjun.

2. Is-Sur Vassallo qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża tarmak minħabba li hemm ħafna ħofor fit-toroq kaġun tal-maltemp. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sur Vassallo qal li fi Triq il-Bizzilla hemm bankina mkissra u hemm il-ħtieġa li din tittranġa bil-konkos. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sur Abdilla qal li fi Triq il-Miksur ukoll hemm bankina li mkissra u jeħtieġ tittranga. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sinjura Agius qalet li fi Triq Santa Marija hemm ħafna ħofor u staqsiet jekk ikunx aħjar li dawn il-ħofor jitranġawx bil-*patching* kif isir mill-kuntrattur. Is-Sindku qal li din it-triq aktar il-quddiem ser issir bit-tarmak kollha u għaldaqstant mhux vjabbli li jagħmilha il-kuntrattur.

6. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċeiva kont mingħand Bonnici Bros. li hu ferm għoli minn dak li kien ikkwotat mill-WSC. Is-Sindku qal li għanda issir laqgħa mas-Sur David Bonnici, il-Perit tal-Kunsill, is-Segretarju u hu dwar dan is-suġġett.

7. Is-Sindku qal ukoll li Bonnici Bros. qed jitolbu ħlas tax-xogħol li wettqu ta' *Phase 1.*Il-Kunsill qabel li jagħti lill-Bonnici 50% tal 40% li suppost jitħallas. Meta Bonnici jibda *Phase 2* dan jitħallas il-50% tal- 40% tal-kont.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

8. Is-Sindku qal li jixtieq li l-attivitajiet tal-karnival jerġgħu jsiru bħas-snin ta' qabel u l-Kunsill qabel. Qal ukoll li fi Triq Zakkarija, l-Belt, se jsir karnival spontanju mir-residenti ta' Ħal Għaxaq.

9. Is-Sindku qal li jkun aħjar jekk ninfurmaw ir-residenti b'xi forma t'avviż xhinu jiġri dwar it-trasport. Ninfurmawhom b'dak li bagħatna lil-Prim Ministru, l-*Arriva* u *Transport Malta*. Il-Kunsill qabel.

10. Il-Kunsillier Picco staqsa jistgħux isiru *Pelican Lights* fil-Bypass ħdejn Brownrigg minħabba li minn hemm jaqsmu t-tfal għall-iskola. Jaqsmu wkoll persuni li jkunu sejrin il-grawnd tal-futbol. Il-Kunsill qabel li jikteb lill-*Transport Malta*.

11. Is-Sur Picco ssuġġerixxa li bħala attivita' għal Jum Ħal Għaxaq jiġi organizzat *tournament* tal-futbol. Il-Kunsill qabel.

12. Is-Sindku qal li jkun aħjar jekk it-triq għal grawnd issir bit-tarmak minflok dik il-biċċa ta' maġenb il-grawnd li kellha ssir bit-tarmak. Wara diskussjoni kemm is-Sur Abdilla kif ukoll is-Sur Picco qablu ma' dak li rrakomanda s-Sindku għax huma qalu li ġew infurmati minn rappreżentanti tal-futbol li aħjar issir it-triq milli dik il-biċċa art li kienet ser issir qabel. Il-Kunsill qabel.

**7. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fil- 4.15pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar 2012, fis-6.00pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati:- It-Tnejn, 16 ta' Jannar 2012, fis-6.00pm.</u>**


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt